MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 18/2014

**Samuel Onyeabor**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ressaq Samuel Onyeabor fil-25 ta' Frar, 2014, li jaqra hekk:

Illi r-rikorrent tressaq il-Qorti b'arrest fl-2008 u sal-lum il-kompilazzjoni ghada ma ghalqitx quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u b'hekk gew lezi d-drittijiet tieghu li jinghata smiegh xieraq fil-process Kriminali fi zmien ragjonevoli taht il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi t-terminu ta' sitt snin quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja huwa dewmien eccessiv u dan kompla jigi aggravat minhabba l-fatt li minkejja li l-prosekuzzjoni ddikjarat illi kienet ghalqet il-provi kemm fl-2012 kif ukoll fl-2013, dawn regghu nfethu mill-gdid fuq talba tal-Avukat Generali.

Dan il-ksur tad-dritt fondamentali tal-esponent jintitolah mhux biss ghad-dikjarazzjoni ta' tali vjolazzjoni imma ukoll ghall-kumpens xieraq.

Illi ghalkemm illum l-esponent inghata l-liberta provizorja dan sar biss wara diversi talbiet ghall-helsien mill-arrest li ghamel l-esponent li kienu jigu dejjem michuda.

Illi huwa ghandu marda li jehtieg li jigi operat u jista' jaghmilha f'pajjizu fl-Olanda u minkejja li ghamel diversi talbiet quddiem l-Onorabbli Qorti, dan gie michud u b'hekk qieghed jigi nnegat minn dan id-dritt u dan qieghed jikkawzalu danni morali.

Rat ir-risposta li ressaq l-intimat Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

Fil-kawza odjerna r-rikorrent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li huwa sofra lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Onyeabor Chukwudi Samuel" li jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u sabiex konsegwentement jinghata rimedju effettiv u kumpens xieraq.

L-esponent jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessità tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza, l-imgieba ta' min ikun qed iressaq l-ilment, s-sehem tal-awtorità jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorità gudizzjarja fid-dewmien u fl-ahhar nett is-siwi ta' dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-qrati – ***Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, 28/1/2013, Qorti Kostituzzjonali.***

Kif ser jirrizulta mill-atti processwali in dezamina u partikolarment mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv, dan huwa kaz kompless peress li jirrigwarda investigazzjoni estensiva li

ghamlu l-pulizija flimkien mad-Dwana li finalment wasslet ghas-sejba ta' kwazi sitt kilogrammi (6kg) droga kokajina (wahda mill-akbar qabdiet ta' droga kokajina f'Malta) u ghall-arrest ta' hames persuni ta' nazzjonalità barranija li allegatament kollha kienu nvoluti f'cirku internazzjonali ta' traffikar ta' droga.

Ta' min wiehed jirrileva li din l-investigazzjoni, li wasslet ukoll ghall-arrest tar-rikorrent, ma kienet facli xejn ghall-pulizija u dan minhabba l-fatt li kien hemm bzonn ta' ko-ordinament kostanti u shih bejn l-awtoritajiet investigattivi tant li l-operazzjoni damet sejra erbat ijiem bla waqfien. Il-konsegwenza ta' din l-investigazzjoni komplessa hija li anki l-proceduri ta' kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti Istruttorja) qed jirrizulta li huma komplessi peress li l-prosekuzzjoni kellha ittella' diversi persuni li hadu sehem attiv f'din l-operazzjoni inkluz l-esperti li tqabdu fl-inkjesta magisterjali, l-esperti li tqabdu waqt l-istess kumpilazzjoni u uhud mill-persuni li gew arrestati in konnessjoni ma' dan il-kaz. Fil-fatt minn ezami tal-process kriminali jirrizulta *ictu oculi* li l-volum ta' dokumenti u xhieda jindika li kien hemm bzonn ta' zmien twil biex din l-istess evidenza tingabar. Dawn huma kollha fatturi li minnhom innifishom jirrikjedu certu zmien u zgur li ma jistghux jittiehdu b'mod legger.

Inoltre komplessivament ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti minn naha tal-partijiet fil-kawza. Matul dawn is-sitt snin, ir-rikorrent jew l-avukat tieghu qatt ma ghamlu xi ilment formali li dawn il-proceduri qed idumu izzejjed u mis-sena 2009 'il quddiem l-attenzjoni tar-rikorrent kienet iktar iffokata fuq il-kundizzjoni medika tieghu b'talbiet kontinwi biex isiefer l-Olanda liema talbiet dejjem gew michuda mill-Qrati taghna.

Lanqas jirrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti fir-rigward ta' dewmien.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa qieghed jigi b'xi mod imcahhad milli jaghmel operazzjoni fl-Olanda, l-esponent jissottometti li din l-operazzjoni tista' ssir facilment f'Malta u fil-fatt ir-rikorrent digà kien inghata appuntament biex issirlu din l-operazzjoni fl-isptar Mater Dei però huwa ghazel liberalment li ma jmurx ghaliex l-isptar ma tawhx "pre-operation report".

Finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-komplessività tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina, ghalkemm il-kaz qed jiehu numru ta' snin ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.

Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, l-allegazjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet.

Rat l-atti tal-proceduri kriminali mertu ta' din il-kawza u pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet li ressqu li l-partijiet.

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza r-rikorrent akkuzat b’konspirazzjoni fit-traffikar tad-droga qed jilmenta li l-process kriminali tieghu li beda fi Frar 2008, u ghadu mhux konkluz, qed idum wisq. Qed jilmenta wkoll mill-fatt li dam hafna taht arrest preventiv, u qed jilmenta wkoll li mhux qed jithalla isiefer biex jaghmel intervent mediku.

Illi b’dawn il-proceduri, r-rikorrent, kif inghad, qed jilmenta principalment mid-dewmien fil-proceduri pendenti kontra tieghu. B’mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f’xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f’dawk il-proceduri, u b’mod partikolari:

1. In-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,
2. Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u
3. Il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess.

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza “Theuma vs Avukat Generali” deciza fis-27 ta’ Gunju, 2003, b’referenza anke ghall-awturi

esteri fuq il-materja, kompliet templifika hekk fuq dawn il-kriterji:

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli:*

*"When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the proceedings…The application of the criteria, the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, may lead to different conclusions. In the Bunkate Case for instance, a criminal case, the relevant period lasted two years and ten months. The lapse of time was amongst other factors caused by a period of total inactivity of fifteen and a half months between the filing of the appeal on points of law and the reception of the case-file by the registry of the Supreme Court. This period in itself infringed the reasonable-time requirement. On the other hand, in the Boddaert Case it took slightly more than six years to determine the 'criminal charge'. This lapse of time did not violate Article 6. Comparable differences may be noted as far as civil*

*proceedings are concerned. In the Ciricosta and Viola Case an overall period of more than fifteen years did meet the requirements of Article 6(1), but a lapse of time that lasted four years and five months in the Pugliese II Case did not pass muster." - Van Dijk et "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights", 1998 Edit., pagni 446-449."*

F'dan il-kaz, ghandu jinghad ukoll li r-rikorrent ghamel zmien twil taht arrest preventiv, li skond il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikun jirrikjedi aktar speditezza minn normal fit-trattazzjoni tal-kaz. Hekk, kif josservaw l-awturi <u>Harris, O'Boyle u Warbrick</u> fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (1995 Edit. Pagna 226).

*"Criminal cases generally require more urgency than civil ones and a more rigorous standard applies when the applicant is in detention pending the outcome of his case (Abdoella v. Netherlands A 248-A para. 24 (1992)). In a criminal case in which the accused is in detention, the reasonable time guarantee in Article 6(1) overlaps with that in Article 5(3), under which 'special diligence' is required."*

Ir-rikorrent tressaq il-Qorti taht arrest fl-2008 b'akkuzi marbutin mat-traffikar tad-droga, u sal-lum, seba' snin wara, l-kumpilazzjoni ghada ma ghalqitx. Il-prosekuzzjoni kienet iddikjarat illi kienet ghalqet il-provi kemm fl-2012 kif ukoll fl-2013 izda dawn regghu "infethu" mill-gdid fuq talba tal-Avukat Generali. L-ammont ta' droga huwa, veru, wiehed qawwi u l-investigazzjoni kienet komplessa tant li damet sejra erbat ijiem bla waqfien. Il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma kellux però, idum seba' snin bid-diversi persuni jitilghu jixhdu ftit kull tant zmien, anke jekk kien hemm hafna xhieda x'jinstemghu.

Kif jigri s-soltu f'kazijiet simili, il-kaz ghamel diversi tragetti bejn l-ufficcju tal-Avukat Generali u l-Qorti, u diversi xhieda li setghu u kellhom jinstemghu f'seduta wahda – debitament ippjanata u kawtelata minn indhil ta' xoghol iehor – gew mismugha f'diversi seduti u fuq medda twil ta' zmien.

Sfortunatament, bis-sistema gudizzjarja attwali, dan mhux dejjem hu possibbli. Din il-Qorti taghmel taghha l-kummenti li ghamlet dan l-ahhar din il-Qorti fil-kawza "Holmes vs Avukat Generali" deciza fit-3 ta' Ottubru 2014, fis-sens li, generalment, id-dewmien hu rizultat ta':

*"i. Ftit li xejn poter li ghandha l-qorti istruttorja biex tikkontrolla l-mod u r-ritmu li bih jingabru l-provi tal-prosekuzzjoni fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Pjuttost tista' tghid li l-kontroll qieghed f'idejn l-Avukat Generali.*

*ii. Hu evidenti li l-ufficcju tal-Avukat Generali stess hu under staffed u minkejja l-avukati jaghmlu hilithom biex jipprovaw ilehhqu. F'kaz bhal dan l-impressjoni li tiehu l-qorti hu li kemm-il darba rinviju jsir biex ikun sar fit-terminu kontemplat mil-ligi u mbaghad wiehed jara wara (better safe than sorry).*

*iii. Volum ta' kawzi li jrid jisma' u jiddeciedi gudikant. Jekk il-gudikant ser jibqa' mghobbi kif inhu b'mijiet ta' kawzi u fl-istess hin jibqa' jircievi kawzi godda, apparti xoghol iehor, ser jibqa' jkollna kazijiet bhal dan. F'xenarju simili m'huwiex possibbli li f'kull kaz jigi garantit smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Din hi r-realta' isiru kemm isiru emendi fil-ligi tal-procedura u inizjattivi ohra fil-qasam amministrattiv tal-qorti.*

*Dewmien li fih innifsu qieghed iwassal sabiex din il-qorti kontinwament tigi rinfaccjata b'kawzi simili fejn biex tasal ghal*

*decizjoni ikollha toqghod tezamina volumi ta' atti li jkunu ngabru matul is-snin li fih innifsu jiehu z-zmien."*

Kif inghad diversi drabi mill-qrati taghna u mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, huwa l-istat li ghandu obbligu li jindirizza dawn in-nuqqasijiet (ara "Salessi vs Italy", deciza mill-Qorti Ewropeja fis-26 ta' Frar, 1993 u "Busuttil vs Avukat Generali" deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 2013, fost ohrajn). Kwindi, bhala regola, huwa l-istat li jrid iwiegeb ghal dewmien zejjed fil-proceduri gudizzjarji.

Wara li l-qorti rat l-atti tal-proceduri kriminali, tasal ghal konkluzjoni li l-kaz tar-rikorrent ma kellux jiehu dawk is-snin kollha u ghadu ma giex deciz defenittivament. Dan apparti li mill-atti tal-proceduri kriminali ma jirrizultax li r-rikorrent kellu xi htija ghalfejn il-kaz dam daqshekk. F'hajja ta' bniedem sitt snin huma hafna. Sitt snin ta' incertezza tiela' u niezel il-qorti ghas-seduti, ghaliex dik hi s-sistema. Dewmien f'kull xorta ta' proceduri gudizzjarji timmina l-gustizzja, izda dewmien fi proceduri kriminali, fejn il-libertà tal-bniedem hi in diskussjoni, m'ghandux jigi ttollerat. Wiehed irid jiftakar ukoll li r-rikorrent hu barrani u mill-provi hu evidenti li ma ghandu l-ebda rabta ma' Malta. Din ic-cirkostanza tkompli tiggrava s-sitwazzjoni.

Kien hemm diversi rinviji tal-kaz, tant li sas-seduta li fiha inghalqu l-provi quddiem din il-Qorti, l-att tal-akkuza kienet ghada ma hargitx. F'sena, bhala regola kull kaz idum sitt xhur quddiem l-avukat generali u sitt xhur quddiem il-Qorti, sistema li ma thalliex lill-Qorti fejn timmanuvra mehud kont il-volum kbir ta' xoghol li jkollha, u ma jidhrix li qatt saret insistenza li dan il-kaz jitmexxa bid-debita speditezza. Hemm hafna ragunijiet ghal dan, kif spjegat aktar qabel, però, jibqa' l-fatt li r-rikorrent dam 22 xahar taht arrest preventiv u sa issa, kwazi

seba' snin ghadu ma jafx fejn qieghed. Ghal dan id-dewmien irid jinghata kumpens finanzjarju bhala rimedju.

Il-fatt li r-rikorrent dam 22 xahar taht arrest preventiv huwa wkoll kaz ta' dewmien zejjed. Gie kemm-il darba enfasizzat li persuna akkuzata trid tinzamm taht arrest preventiv ghal dak il-minimu necessarju biex jigi salvagwardat il-process xieraq, però, dan iz-zmien m'ghandux jiggedded biex tigi moqdija l-prosekuzzjoni jew is-sistema gudizzjarja li, forsi, ma tippermettix trattazzjoni ta' kull kaz fi zmien qasir. Il-Qorti li tkun qed tisma' talba ghal helsien mill-arrest ma tridx tikkondizzjona ruhha bis-sistema li qed tigi mgieghla tahdem fiha, izda trid tqis il-kaz skont ic-cirkostanzi tieghu, u tipprovdi ghall-helsien mill-arrest, taht kundizzjonijiet xierqa, jekk tara li l-kaz qed ikarkar wisq.

Fil-kuntest tal-ilment tar-rikorrent marbut mal-problemi ta' sahha li ghandu, din il-Qorti ma tarax li ghandu ragun. Minn meta r-rikorrent sar jaf bil-problema li jbati biha, inghata l-kura mehtiega u sarulu t-testijiet li t-tobba dehrilhom necessarji. Gie deciz li ssirlu operazzjoni, izda hu rrifjuta li din issir hawn Malta qabel ma jiehu opinjoni ohra barra minn Malta. Il-Qorti tal-Magistrati talbet li konsulenti medici fil-materja jitilghu jixhdu quddiemha, u dawn ikkonfermaw li l-operazzjoni li kellu bzonn r-rikorrent gieli saret u tista' ssir hawn Malta. Ghal bidu kien hemm problema bid-dewmien biex tkun tista' ssir l-operazzjoni, pero', fuq insistenza tal-Qorti, sarlu appuntament aktar vicin. Ir-rikorrent, però, ma riedx li ssirlu l-operazzjoni hawn Malta.

Din il-Qorti issib li dan ir-rifjut mhux ragonevoli. Meta f'pajjiz tezisti sistema medika tajba, kif tezisti f'Malta, u l-intervent

ikun ippjanat li jsir f'qasir zmien, l-insistenza ta' dak li jkun li bilfors irid li ssirlu l-operazzjoni f'pajjiz barrani, ma tistax titqies wahda li timmerita konsiderazzjoni. Is-sitwazzjoni medika f'pajjizna hija rispettata u mfahhra anke fl-esteru, b'unika problema tkun marbuta mad-dewmien biex isiru certi interventi. F'dan il-kaz ir-rikorrent kien inghata preferenza, izda xorta ghazel li jirrifjuta l-operazzjoni b'insistenza li jmur l-Olanda. Ir-rikorrent ma weriex li f'Malta ma kienx se jinghata l-ahjar kura skont ic-cirkostanzi tieghu, u ebda persuna ma tista' tinsisti li ghandha dritt tiehu "a second opinion" barra l-pajjiz, meta din ma gietx meqjusa bhala necessarja mill-konsulenti Maltin.

Dan l-aggravju qieghed, ghalhekk, jigi michud.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tara li ghandha tillikwida danni morali minhabba d-dewmien, u, ghal dan il-fini, qed tiffissa kumpens ekwivalenti ghall-€5000.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talbiet attrici billi tilqa' l-istess talbiet kif dedotti (limitatament kif inghad qabel) u ghall-fini tat-tieni u t-tielet talba tillikwida l-kumpens fis-somma ta' €5000 bhala rimedju ghad-dewmien li r-rikorrent garrab fis-smiegh tal-kaz tieghu.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------